# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.**

**Illum, l-Erbgha 20 ta' Gunju, 2001.**

**Kawza Nru. 49.**
**Citazz. Nru. 931/00 JRM**

**Mario u Monica Therese sive Montes konjugi MIFSUD f'isimhom proprju u bhala rappresentanti legittimi ta' wliedhom minuri Michaela u Jessica ahwa MIFSUD**

**vs**

**Robert PACE**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni imressaq fil-15 ta' Mejju, 2000, li bih l-atturi ppremettew:

Illi fid-19 ta' Dicembru 1996 waqt li Walter Mifsud, iben iehor minuri tal-istanti konjugi Mifsud, kien riekeb fil-car tal-marka Peugeot Numru ta' Registrazzjoni ROB 101 misjuqa mill-konvenut, dan tal-ahhar kien involut f'incident li b'rizultat tieghu l-imsemmi Walter Mifsud sofra feriti gravissimi li kkonducew ghall-mewt tieghu fit-30 ta' Jannar 1997;

Illi ghall-istess incident li sehh f'Dun Karm Psaila Street, Birkirkara, kien jahti unikament il-kovneut u dan minhabba sewqan eccessiv, imperizja, negligenza u nuqqas tal-harsien tar-regolamenti tat-traffiku;

Illi l-konvenut nonostante li gie interpellat anke ufficjalment biex iwiegeb ghad-danni baqa' inadempjenti;

Ghalhekk l-atturi talbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident tad-19 ta' Dicembru 1996 li fih l-imsemmi Walter Mifsud garrab feriti konsiderevoli li wasslu ghall-mewt tieghu fit-30 ta' Jannar 1997;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-istanti b'rizultat tad-decess tal-kongunt taghhom fl-imsemmi incident;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi l-ammont hekk likwidat in linea ta' danni;

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-4 ta' Novembru 1998 u tal-ittri legali tat-30 ta' Novembru 1998, 2 ta' Dicembru 1998, 25 ta' Gunju 1991, 6 ta' Awissu, 1999, 29 ta' Novembru 1999, 27 ta' Dicembru 1999, 27 ta' Marzu 2000 u 30 ta' April, 2000, kontra l-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-atturi;

Rat in-Nota tal-imharrek tal-21 ta' Gunju, 2000 (pagna 10 tal-process) li biha laqa' n-notifika tal-att tac-Citazzjoni u tad-Dikjarazzjoni tal-atturi;

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet ta' dak inhar stess li biha l-imharrek eccepixxa:

1. Illi dwar l-ewwel talba attrici, l-eccipjenti tramite l-kumpanija assikuratrici tieghu dahal fi trattativi fit-tul dwar il-likwidazzjoni ta' danni;

2. Illi referibilment ghat-tieni talba, l-atturi ppretendew danni mhux realistici tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

3. Jekk il-Qorti tillikwida danni, isegwi li dawn iridu jithallsu;

Salvi eccezzjonijiet ohra premessi mil-ligi;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imharrek;

Rat in-Nota tal-atturi tal-15 ta' Settembru, 2000 (pagni 14 sa 54 tal-process) bix-xhieda bl-affidavit tal-attur Mario Mifsud u ghadd ta' dokumenti mehmuzin maghha;

Semghet ix-xiehda tal-partijiet;

Semghet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-Degrieti taghha tas-6 ta' Dicembru 2000, tal-15 ta' Frar, 2001, tad-29 ta' Marzu, 2001, tal-10 ta' Mejju, 2001, tas-6 ta' Gunju, 2001, u tal-14 ta' Gunju, 2001, li bihom halliet il-kawza ghas-sentenza;

## *Ikkunsidrat:*

Illi l-azzjoni nbdiet minn missier u omm Walter Mifsud f'isimhom proprju u f'isem uliedhom minuri Michaela u Jessica Mifsud kontra l-imharrek Robert Pace. Fil-kawza, l-atturi qeghdin jitolbu li l-imharrek jigi meqjus responsabbli ghall-incident tat-triq li, minhabba fih, Walter Mifsud garrab griehi gravi u wara madwar xahar u nofs, miet;

Illi irrisulta li l-incident sehh fi Triq Dun Karm Psaila (By-Pass ta' Birkirkara) fid-19 ta' Dicembru, 1996, ghall-habta tan-nofs siegha ta' filghodu. L-imharrek kien qieghed isuq vettura proprjeta' tieghu tat-tip Peugeot 106, registrata ROB-101. Riekba mieghu kien hemm zewg passiggieri: fuq quddiem kien hemm Kelly Puglisevich (it-tfajla tal-imharrek), u fuq wara, l-imsemmi Walter Mifsud;

Illi, dak inhar tal-incident Walter Mifsd kien ghad ghandu sittax-il (16) sena u kien jahdem b'impieg regolari *full time* mas-Socjeta' Frank Borda Limited, fil-*Gala Centre Supermarket* bhala *shelf stacker*. Mifsud miet fl-isptar San Luqa fit-30 ta' Jannar, 1997, b'kawza tal-griehi li garrab fl imsemmi incident, u fejn kien ilu rikoverat fit-Taqsima tal- Kura Intensiva sa minn dak inhar tal-incident;

Illi irrisulta wkoll li x'hin sehh l-incident, it-tlitt ihbieb, li kienu lkoll jahdmu flimkien fl-istess post fil-Gzira, kienu gejjin lura minn ikla ta' qabel il-Milied li nzammet ghall-impjegati f'ristorant f'Bugibba, limiti ta' San Pawl il-Bahar, u sejrin lejn il-Gzira;

Illi, mill-atti tal-kawza, ntwera li Walter Mifsud kien ilu jahdem fl-impieg tieghu tliet xhur u gimgha meta sehh l-incident u li sa tmiem is-sena kien qala' seba' mija u sitta u sebghin lira maltija u

sebghin centesmu (Lm776.70) *gross* [Dok f'pagna 18 tal-process]. Huwa kellu paga ta' Lm38.75 fil-gimgha [deposizzjoni ta' Nathalie Farrugia f'pagna 63 tal-process];

Illi Mifsud miet bla ma kellu testment biex jirregola s-successjoni tieghu liema successjoni giet dikjarata miftuha b'Degriet tal-Onorabbli Sekond'Awla tal-Qorti Civili b'Degriet taghha tal-25 ta' Mejju, 1999 [Dok f'pagna 22 tal-process], wara talba mressqa ghal daqshekk b'Rikors tal-15 ta' Marzu, 1999 [Dok f'pagna 21]. Is-successjoni nfethet favur ommu u missieru u z-zewg hutu Michaela u Jessica fi kwota ta' kwart favur kull wiehed u wahda minnhom;

## *Ikkunsidrat:*

Illi ghal dak li jirrigwarda l-ewwel talba tal-atturi, il-Qorti tosserva li l-imharrek ma jidhirx li qieghed jichad li huwa kien jahti ghall-incident. Dan jidher minn kif inhija mfassla l-ewwel eccezzjoni tieghu, u l-impostazzjoni taz-zewg eccezzjonijiet l-ohrajn. Ma jistax jinghad li qieghed jistqarr ir-reponsabbilta', izda lanqas m'huwa qieghed jikkontestaha espressament;

Illi, minbarra dan, tressqu provi min-naha tal-atturi dwar is-sehem ewlieni tal-imharrek fl-incident, liema provi l-istess imharrek bl-ebda mod ma ttanta jlum. Irid jinghad ukoll li t-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet kienet tista' tghid esklussivment marbuta mal-kwestjoni tal-likwidazzjoni tad-danni;

Illi ma tressqet l-ebda prova (jew imqar sar xi accenn) li Walter Mifsud ikkontribwixxa b'xi mod ghal dak li gralu;

Illi, ghalhekk, il-Qorti hija tal-fehma shiha li tressqu provi f'sahhithom bizzejjed biex iriegu l-ewwel talba tal-atturi u, fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti ssib li l-imharrek kien jahti ghall-incident li minhabba fih Walter Mifsud garrab il-griehi gravi li wasslu ghall-mewt tieghu;

Illi jrid jizdied jinghad biss, f'dan ir-rigward, li jidher li l-mewt ta' Walter Mifsud kienet il-konsegwenza diretta u wahdanija tal-griehi li garrab fl-incident mertu tal-kaz;

Illi, kif inghad sewwa mill-Qrati taghna, accident mhux xi entita' astratta, izda hu fatt li gara kif inhu fix-xorta u l-kobor tieghu; huwa grajja bl-incident inerenti mieghu li minnu jitnisslu d-danni mgarrba mill-vittma u li ghalihom iwiegeb min, bin-negligenza tieghu, jkun ikkawzahom [ara sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-**2 ta' Marzu, 1964**, fil-kawza fl-ismijiet *Cachia vs Conti et* (Kollez. Vol: **XLVIII.i.163**)];

Illi ghalhekk imiss li wiehed iqis it-tieni talba tal-atturi;

Illi jidher li l-qofol tal-kwestjoni bejn il-partijiet u l-ghajn tan-nuqqas ta' qbil bejnhom hija l-kwantifikazzjoni tal-ammont ta' danni li l-imharrek ghandu jigi kundannat jhallas lill-atturi bhala werrieta *ex lege* ta' qaribhom Walter Mifsud;

Illi dan il-fatt johrog mit-tieni eccezzjoni tal-konvenut fejn jilmenta minn talba mhux rejalistka ta' danni min-naha tal-atturi. Fil-fatt, b'ittra mibghuta mill-avukat taghhom fis-27 ta' Marzu, 2000 [Dok f'pagna 17 tal-process], l-atturi ippretendew hlas b'kumpens fl-ammont ta' tlieta u tmenin elf u mija u tmienja u erbghin lira maltin (Lm83,148);

Illi, tajjeb jew hazin, id-disposizzjonijiet tal-ligi li l-Qorti trid thares lejhom f'kaz bhal dan huma l-artikoli 1031, 1032, 1045 u 1046 tal-Kodici Civili. Dwar ir-responsabbilita' tal-incident diga' nghad bizzejjed izjed 'il fuq u ma jidhirx li hemm xi taqbida bejn il-partijiet fuq din il-kawzali. Il-kwestjoni tal-kumpens dovut mill-imharrek u kemm hu l-ammont li l-atturi jisthoqqilhom jircievu hija, min-naha l-ohra, wahda li fiha xi aspetti li ghandhom jigu studjati;

Illi f'dan il-kaz, id-determinazzjoni tal-likwidazzjoni tad-danni mgrrba tiehu xejra izjed kontroversa minhabba li l-incident gab il-mewt tal-persuna danneggata u t-talba qeghda ssir mill-werrieta taghha;

Illi, fl-ewwel lok, irid jinghad li f'dan il-kaz, l-atturi qeghdin jidhru fil-kwalita' taghhom ta' werrieta tal-mejjet Walter Mifsud u l-kumpens li qeghdin jippretendu minghand l-imharrek huwa dak dwar telf ghall-gejjieni (*lucrum cessans*) li, fi kliem il-ligi nnifisha, il-Qorti tista' taghti bhal fil-kaz ta' inkapacita' totali ghal dejjem, meqjusa skond id-disposizzjonijiet imsemmija fl-artikolu 1045;

Illi, fit-tieni lok, il-vittma kien persuna taht l-eta' li, madankollu, minhabba li kien diga' jhaddan impieg fiss, ma kienx totalment dipendenti fuq missieru u ommu mill-aspett ekonomiku. Min-naha l-ohra, ma ntwerex li huwa kien qieghed jghajjex lill-familja tieghu, ghalkemm jaghti sehem;

Illi, fit-tielet lok, kif inghad, fis-sentenza magistrali tal-Qorti tal-Appell tat-22 ta' Dicembru, 1967, fil-kawza fl ismijiet Butler vs Heard (Kollez. Vol: LI.i.488), "il-ligi taghna tipprovdi ghal kumpens ghat-telf pekunjarju biss u f'dan hi inferjuri ghal-ligijiet ta' pajjizi ohra progressivi li jipprovdu anke ghal kumpens - xi drabi l-uniku possibbli, ghat-"telf personali" …Ta' min jawgura illi din il-fergha tal-ligi tigi, kif jixraq riformata." (a fol 504);

Illi minn dak inhar ghaddew izjed minn tlieta u tletin sena u mhux talli ma sar l-ebda intervent legislativ, izda l-imsemmija sentenza, b'dak l-avviz dikjarat, saret ix-xewka li fuqha jistriehu l-parti l-kbira tas-sentenzi tal-Qrati taghna fil-qasam ta' likwidazzjoni ta' danni. Ta' min jghid li dik il-kawza kienet tirrigwarda kwestjoni ta' kumpens fejn l-attur garrab griehi ta' natura dejjiema, u mhux kaz fejn il-vittma mietet, bhal f'dan il-kaz;

Illi l-parti l-kbira tal-kwestjoni tistrieh hafna fuq is-sies jew basi guridika li dwarha jinghata l-kumpens meta l-attur ma jkunx il-

persuna li kellha x'taqsam mal-incident, imma tkun qarib ta' persuna li mietet f'dak l-incident. Il-ligi taghna fl-artikolu 1046 tghid car li l-hlas ta' kumpens huwa dovut lill-werrieta tal-persuna l-mejta u mhux lid-dipendenti, imma, fl-istess waqt, tqabbel l-ammont ta' kumpens ma' dak li jigi likwidat fil-kaz ta' inkapacita' totali ghal dejjem skond ma jipprovdi l-artikolu 1045;

Illi l-istess Qorti tal-Appell, imma zmien qabel is-sentenza ta' Butler u Heard, kienet fissret li, f'kaz ta' incident li fih il-vittma tmut, il-kumpens ma jinghatax lid-dipendenti tieghu imma lill-werrieta, u li, fil-kalkolu tat-telf ta' qligh ghall-gejjieni m'hemm stabiliti l-ebda regoli fissi li fuqhom il-qorti tista' ssejjes il-konsiderazzjonijiet taghha. Jehtieg jitharsu c-cirkostanzi kollha tal-kaz partikolari u, ghalkemm il-Qorti m'ghandhiex tirrifjuta li tikkalkola l-kumpens minhabba l-element ta' imprevedibilita', ghandha tqis b'moderazzjoni l-ammont ta' kumpens minhabba l-element gholi ta' kongettura li jdur mal-aspett ta' x'jista' jsehh fil-gejjieni [ara sentenza tat-**22 ta' Gunju, 1964**, fil-kawza fl-ismijiet <u>*Petrie et vs Ciappara*</u> (Kollez. Vol: **XLVIII.i.364**) li kien jirrigwarda l-mewt ta' tarbija ta' ghaxar xhur];

Illi fi zvilupp ta' dawn l-ahhar snin, din il-Qorti, b'tifsira izjed aggornata ta'dak li jghid l-artikolu 1046, qieset li meta f'kaz ta' mewt l-atturi qraba tal-vittma jfittxu ghall-kumpens tal-hsara mgarrba bhala werrieta, jkunu qeghdin jaghmlu dan ghaliex dahlu fil-libsa legali tal-vittma, u mhux fuq basi ta' dipendenza u ghalhekk jisthoqqilhom jippretendu li jircievu dak li kien ikun jisthoqq lill-qarib taghhom, kif tghid il-ligi nnifisha, kieku f'dak l-incident ma mietx imma garrab griehi li jkunu hallewh ghal kollox inkapaci [ara sentenza tas-**17 ta' Frar, 1998** fil-kawza fl-ismijiet <u>*Anthony Turner et vs Francis Agius et;*</u>

Illi, l-argument ewlieni tal-Qorti f'dik is-sentenza (li din il-Qorti tqis li huwa wiehed ragunat u tasal taqbel mieghu) huwa li d-dritt ta' risarciment ta' l-werrieta ta' vittma li titlef hajjitha f'incident huwa jedd patrimonjali li jintiret bhall-jeddijiet l-ohrajn, li m'ghandux jinbidel semplicement ghax ikun ghadda f'idejn is-successur. Argument daqstant siewi li jinstilet minn dan kien li ma jaghmilx sens li bniedem jigi obbligat li jhallas lill-werrieta tal-

vittma tal-imgiba tieghu ammont inqas ghax il-vittma mietet milli kien ikollu jhallas lill-vittma kieku baqghet hajja;

Illi, fil-fehma ta' din il-Qorti, dan ir-ragunament isib kenn ukoll f'dak li kienet qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza Petrie et vs Ciappara tat-22 ta' Gunju, 1964, fuq imsemmija, meta fliet il-kawzali li l-ligi taghna tqis ghal-likwidazzjoni tal-kumpens taht l-artikolu 1045 (li, kif inghad, huwa espressament applikabbli fil-kaz ta' mewt minhabba incident skond l-artikolu 1046);

Illi l-Qorti thoss li l-punti ewlenin imsemmija f'dik is-sentenza ghandhom jissemmew fil-qosor:

(a) li l-artikolu 1045 jikkontempla erba' (4) ghamliet ta' danni li ghandhom jigu risarciti - jigifieri: (i) it-telf attwali mgarrab mill-vittma; (ii) spejjez minfuqin minnu; (iii) telf ta' paga jew qliegh attwali u (iv) telf ta' qliegh ghall-gejjieni;

(b) illi l-vittma jista' jinghata kumpens ghat-telf ta' qligh fil-gejjieni ukoll jekk ma jintalab jew ma jista' jinghata l- ebda kumpens ghal telf ta' qliegh attwali, billi t-telf ta' qliegh attwali mhux kondizzjoni biex jista' jinghata kumpens ghal telf ta' qliegh fil-gejjieni;

(c) illi billi l-kumpens huwa moghti lill-qraba bhala werrieta u mhux bhala dipendenti, il-grad ta' dipendenza mhux kondizzjoni biex jinghata l-kumpens, ghalkemm jista' jittiehed b'qies meta jigi biex jinhadem l-ammont ta' kumpens dovut;

(d) illi, b'effett ta' dan, mhux mehtieg li jigi ppruvat li l-vittma kien jaqla' l-flus u/jew li kien jaghti sehem jew jghajjex bihom lil dawk li wirtuh. Anzi, lanqas id-dipendenza futura m'hija, fil-ligi taghna, prekundizzjoni u fattur essenzjali ghall-ghoti ta' kumpens; u

(e) illi jibqa' xorta l-fatt li l-Qorti jkollha twettaq esercizzju ta' diskrezzjoni meta tqis l-elementi kollha li jsawru l-kaz dwar x'seta' jigri fil-gejjieni;

Illi, b'zieda ma' dawn il-principji, il-Qorti ssemmi wkoll principju li jidher accettat li l-kumpens ikun dovut ukoll fejn l-imgarrab ikun zamm id-dhul tieghu jew sahansitra ziedu, imma, minhabba l-hsara li garrab, ikun naqqas jew tilef ghal parti l-kbira l-possibilita' li jzid id-dhul tieghu b'inizjattiva personali [ara sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-**7 ta' Lulju**, **1998**, fil-kawza fl-ismijiet George Gatt vs Francis E. Carbone noe et];

Illi wkoll, kif gie deciz f'sentenza ohra tal-Qorti tal-Appell tat-**30 ta' Dicembru, 1994**, fil-kawza fl-ismijiet *Elvira Abela vs Onor. Prim Ministru et*, il-Qorti hija marbuta li taghti l-oghla ghadd ta' snin bhala *multiplier* jekk kemm-il darba jirrisulta li ma jkunx hemm raguni ghaliex wiehed ghandu ghax jiddubita li l-imgarrab ma kienx se jissokta jahdem is-snin kollha ta' xoghol sakemm jirtira bil-pensjoni [ara wkoll s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-**26 ta' Gunju, 1997**, fil-kawza fl-ismijiet *Vincent Cutajar - Alfred Scicluna*];

## *Ikkunsidrat:*

Illi jekk wiehed japplika dawn il-principji ikun ifisser li l-qisien tal-kumpens ghandhom jsiru skond il-kundzzjonijiet prevalenti meta sehh l-incident u li, minhabba li l-kumpens ikun ta' somma likwidata li l-hlas taghha jista' jintalab malli jigi likwidat, irid isir tnaqqis *pro rata* biex taghmel tajjeb ghall-fatt li d-dhul ikun sejjer isehh qabel ma kien ikun il-kaz kieku l-incident ma sehhx;

Illi, minbarra dan, dwar il-qies tal-multiplier il-Qorti thoss li jkun xieraq li taghmel riferenza ghal dak li jghallem Thomas Saunt fix-xoghol Damages for Personal Injury and Death (Tielet Ediz, 1986, pag 53) meta jghid: *"The most important factor to take into account when considering which multiplier to apply is, of course, the age and probable working life of the deceased and the expection of life of the dependants… There must also be a discount for the uncertinties of life… Discount must also be made for the fact that the dependants will receive an accelerated benefit in the form of a lump sum rather than smaller benefits over a*

*number of years. Because of these uncertainties the appropriate time for selecting the multiplier is at the time of death…”;*

Illi, ghalhekk, meta wiehed iqis l-eta’ ta’ Walter Mifsud meta sehh l-incident, jidher xieraq li jintuza *multiplier* ta’ hamsa u tletin (35) sena;

Illi l-imsemmi *multiplier* qieghed jittiehed minn din il-Qorti biex jaghmel tajjeb ukoll ghal ghadd ta’ cirkostanzi imprevedibbli li setghu laqtu lill-vittma fil-gejjieni: fost dawn wiehed isemmi t-tul ta’ zmien li kien jibqa’ haj; il-fatt li seta’ tkecca mill-impieg; il-fatt li seta’ zzewweg u fforma familja u jkollu l-ulied (f’liema kaz l-atturi ma kienx ikollhom jedd ghall-eredita’); il-fatt li seta’ garrab incident bhal dak li kien involut fih; il-fattur li l-paga tieghu kienet tizdied fuq medda ta’ snin; u cirkostanzi ohrajn bhal dawn li, ghalhekk, il-Qorti tqis li jaghmel tajjeb ghalihom il-*multiplier* addottat;

Illi, fis-sottomissjonijiet taghhom, l-atturi sostnew li l-Qorti ghandha zzomm quddiem ghajnejha dawn il-fatturi, u jigifieri: (a) l-eta’ tenera tal-vittma; (b) dawk li s-soltu jissejhu c-changes and chances of life; (c) l-aspett tat-tbatija u s-soghba mgarrba mill-atturi; (d) il-potenzjal ekonomiku tal-vittma kieku baqa’ haj u (e) li l-kumpens irid ikun ekwitativ, imsejjes fuq il-fatti u fil-qafas tal kwadru kollu tac-cirkostanzi tal-kaz;

Illi, min-naha tieghu, l-imharrek itenni li l-vittma ma jidhirx li kellu kwalifiki gholjin bizzejjed biex, kieku baqa’ fl-impieg tieghu, jiehu zidiet wisq qawwija jew jinghata promozzjonijiet; lanqas ma jidher li, sa dak inhar li miet, kellu quddiemu aspirazzjonijiet kbar ta’ titjib fil-kwalita’ ta’ xoghol li kien jaghmel. L-imharrek jghid ukoll li l-kalkoli tal-*multiplier* suggeriti mill-atturi, u kif ukoll il-percentwali tal-konsum u l-kriterju ta’ kemm ghandha titqies il-paga tal-vittma kull gimgha, m’ghandhomx ikunu fantastici;

Illi dwar is-sottomissjonijiet tal-atturi, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti tqis li l-ewwel, it-tieni, r-raba’ u l-hames suggerimenti bhala ammissibbli fil-ligi taghna;

Illi dwar is-sottomissjonijiet tal-imharrek, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti tqis li l-ewwl u r-raba' kriterji ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni;

Illi, dwar il-paga tal-vittma, jinghad li l-paga netta kull gimgha li kien lahaq ha kienet tammonta ghal Lm35.52. Jekk wiehed iqis l-ghadd ta' snin li se' jittiehdu bhala *multiplier*, u l-principji fuq imsemmija fejn il-grad ta' qrubija tal-atturi u l-fattur tal-konsum li l-vittma nnifsu kien jaghmel kieku baqa' haj f'kaz bhal dan ma jistghux jitqiesu jekk mhux b'mod approssimattiv ghall-ahhar, il-Qorti sejra tapplika dik ic-cifra bhala l-basi ghal-likwidazzjoni tal-ammont dovut lill-atturi fil-waqt li nfethet is-successjoni tal-vittma;

Illi, ghalhekk, l-ammont ta' kumpens li jigi dovut mill-imharrek lill-atturi jitla' ghal erbgha u sittin elf, sitt mija u sitta u erbghin lira maltin u erbghin centesmu (Lm64,646.40), jigifieri Lm35.52 x 52 x 35;

Illi, kif inghad fuq, billi din is-somma sejra tithallas f'daqqa, jkun xieraq li jitnaqqas ammont minnha biex jaghmel tajjeb ghal dan il-fatt: il-Qorti, wara li qieset il-fatt li ghaddew madwar erba' snin u nofs mill-incident u wkoll il-prattika li jimxu fuqha l-qrati taghna f'dan l-aspett f'kawzi li jixxiebhu, qeghda tqis tnaqqis ta' sittax fil-mija (16%) tas-somma fuq likwidata bhala ragunat u misthoqq;

Illi, ghalhekk, is-somma li ghandha tithallas lill-atturi bejniethom tigi tammonta ghal erbgha u hamsin elf tliet mija u zewg liri maltin u tmienja u disghin centesmu (Lm54,302.98);

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:

**Tilqa' l-ewwel talba tal-atturi** u tqis li l-imharrek kien jahti ghal kollox ghall-incident tat-traffiku li sehh fid-19 ta' Dicembru,

1996, u li fih Walter Mifsud garrab griehi li wasslu ghall-mewt tieghu fit-30 ta' Jannar, 1997;

**Tilqa' t-tieni talba** u tillikwida l-ammont ta' danni li l-imharrek irid ihallas lill-atturi fis-somma ta' erbgha u hamsin elf tliet mija u zewg liri u tmienja u disghin centesmu (Lm54,302.98);

**Tilqa' t-tielet talba** u tikkundanna lill-imharrek ihallas lill-atturi bejniethom is-somma ta' Lm54,302.98, bhala danni hekk likwidati; u

Tikkundanna lill-imharrek ihallas ukoll l-ispejjez kollha tal-kawza.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**20 ta' Gunju, 2001.**

**Charles Falzon,**
**Deputat Registratur**
**20 ta' Gunju, 2001.**